**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 335/99**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Emanuel Camilleri)**
**(Sp. Jesmond Borg)**

**vs**

**Joseph Laus, iben Carmel u Rosina nee Apap,**
**mwieled Marsa fis-6.2.51 u joqghod 40, Burial Street, Paola,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**
**151051 (M).**

**Illum 6 ta' Settembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Laus li gie akkuzat talli bejn 24.3.92 u 27.3.98 u fis-snin ta' qabel fil-fond 40, Burial Street, Paola bhala detentur ta' l-imsemmi fond jew bhala persuna li kellu f'idu l-imsemmi fond b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizjzonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

(1) ikkommetta serq ta' kurrent elettriku li jammonta ghal Lm 316. 85 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u valur (Art 260, 264 (1), 267).

(2) Ghamel hsara jew kisser xi parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika Art 533 (1) tal-Kap 9.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat m'ghandu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li ddikjara li mhux hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat.

Din il-qorti ma tistax tifhem anke tenut kont tal-konkluzjoni tal-espert William Cassar Torreggiani, fl-Inkjesta Magisterjali, ghaliex spicca tressaq l-akkuzat Joseph Laus meta kien ben car u skjett li l-meter kien irregistrat fuq martu Carmen, qishe l-prosekuzzjoni tippretendi li ghax l-istess Carmen Laus hija mara mizzewga, allura zewgha ghandu jitghabba bil-piz ta' responsabilita' kriminali, bhallikieku, jekk wettaq reat aktar gravi per ezempju omicidju ghandu jirrispondi ghalih hu. Il-ligi hija cara fl-artikolu 264 tal-Kap 9 fuq min taqgha tali responsabbilita',

ghaldaqstant ma tista' qatt din il-Qorti, b'ebda mod remot issib responsabilita' kriminali fil-konfront ta' l-akkuzat Joseph Laus, u ghaldaqstant tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.